MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 435/2010

**F (Advertising) Ltd. (C27689)**

**Vs**

**Wayne u Charlene Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat illi s-socjeta' attrici pprezentat ir-rikors taghha nhar it-22 ta' Ottubru 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma t'erbat elef mitejn u tmienja w erbghin Ewro (€4248) dovuti bhala servizzi ta' reklamar skond skrittura privata tal-11 ta' Novembru 2008, u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficcjali. Huma dovuti wkoll l-ispejjez tal-ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 numru 324/10.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata nhar l-14 ta' Frar 2011 fejn ippremetew is-segwenti:-

*"Illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza anke permezz ta' xhieda l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi preliminarjament in-nullita ta' l-iskrittura datata 11 ta' Novembru 2008 stante li l-esponenti ma gewx spjegati tajjeb l-implikazzjonijiet ta' l-istess obbligazzjonijiet minnhom assunti.*

*Illi per konsegwenza kien hemm ftehim ma' agent / impjegat tas-socjeta' rikorrenti (certu Claudio kunjomu mhux mgharuf) illi l-ftehim tal-11 ta' Novembru 2008 jigi rexiss totalment u li jidhol fis-sehh fethim iehor (maghruf bhala Developers Best) bejn il-partijiet u terzi persuni koncernanti numru ta' proprjetajiet ohra.*

*Illi l-ftehim il-gdid bejn il-partijiet kien illi l-esponenti bhala sid il-fond mertu tal-iskrittura jinhall mill-obbligi kollha tal-istesss u jibda jopera dan il-ftehim iehor (Developers Best).*

*Illi fil-fatt beda jopera il-ftehim il-gdid u l-kontijiet ta' reklamar gew regolarment imhallsa peress li inbieghet xi proprjeta' u ghalhekk l-esponenti ma kienux inadempjenti fl-obbligi minnhom assunti ghat-tieni ftehim.*

*Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Illi nhar it-18 t'Ottubru, 2011 deher l-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami ghas-socjeta' attrici li nforma lill-Qorti li l-partijiet kienu waslu ghall-ftehim, li kien qed icedi l-kawza, pero' ddikjara li l-partijiet ftiehmu li l-kawza tibqa' bla taxxa.

**Illi ghalhekk stante ftehim bejn il-partijiet dwar il-mertu l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza w tordna li ai termini tal-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet il-kawza tibqa' bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------